31985R1554

L 149/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 8.6.1985

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1554/85
ta' l-4 ta' Ġunju 1985
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles dwar is-sajd lil hinn mis-Seychelles

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-approvazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles dwar is-sajd lil hinn mis-Seychelles iffirmat fi Brussel l-23 ta' Mejju 1985 jolqot l-interessi tal-Komunità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles dwar is-sajd lil hinn mis-Seychelles hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika kif hi provduta fl-Artikolu 14 tal-Ftehim [2].

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu,L-4 ta' Ġunju 1985.

F'isem il-Kunsill

Il-President

L. GRANELLI

---

[1] ĠU C 172, tat-2.7.1984, p. 144.

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.